# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat- 3 ta' Ottubru , 2022**

**Talba numru 320/2021 SFJ**

**VODAFONE MALTA LIMITED ILLUM EPIC COMMUNICATIONS LTD (C 10865)**
**VS.**
**DESTINY MERCIECA (0081601 L)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-5 ta' Novembru 2021 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi ppremettiet u talbet:

> "*Illi dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jordna w jikkundanna lill-intimata thallas is-somma ta' elf, mija w tlieta w tletin Ewro u hmistax-il centezmu (EUR 1,133.15), rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari bil-kont numru 1.11057936 fuq talba u a beneficcju tal-intimata u dan kif jirrizulta mill-fattura li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata 'DOK X1' u 'DOK X2'.*
>
> *Illi dan il-kreditu qieghed jigi kkonfermat mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici u dan kif jirrizulta mill-affidavit hawn anness u mmarkat 'DOK X3'.*

*Bl-ispejjeż u bl-imghax mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.*"

Ra li wara li saru diversi tentattivi għan-notifika tal-konvenut, kellha tiġi adoperata l-proċedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetti lokali.

Ra li l-konvenut ma ppreżentax Risposta u ma deher għal ebda seduta.

Ra d-dokumentazzjoni ppreżentata, inkluz l-Affidavit ta' Dr. Jeremy Debono, sema' lill-Avv. Maria Mula tixhed, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza ghat- 3 ta' Ottubru 2022.

**Provi mressqa u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Fl-udjenza tat-28 ta' Gunju 2022 ir-rapprezentant legali tas-socjeta' attrici, l-Avv. Dr. Mariah Mula, kkonfermat taht gurament li l-ammont dovut lis-soċjetà attriċi kien l-istess ammont indikat fl-Avviz tat-Talba u li dak l-ammont ma kienx gie mhallas lis-socjeta' attrici, la *in toto* u lanqas parzjalment.

Oltre li x-xhieda hija sodisfaċenti u kompluta, it-Tribunal josserva li l-konvenut ma ressaq ebda difiża u ebda prova in kontradizzjoni tal-Avv. Mula. It-Tribunal, għalhekk, m'għandu ebda raġuni sabiex jiddubita l-veraċità tax-xhieda tagħha.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Wara li ra d-dokumentazzjoni relattiva u sema' lill-Avv.Mula tixhed, it-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi li s-soċjetà attriċi timmerita li tieħu l-ammont reklamat skont l-Avviż tat-Talba.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' elf, mija w tlieta w tletin Ewro u hmistax-il centezmu (EUR 1,133.15), bl-imgħax, liema mgħax għandu jiddekorri b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi mid-data tal-ftuħ ta' din il-kawża sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mill-konvenuta.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**